## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 424/2014

Il-Pulizija

(Spettur James Grech)

vs

Glenn Gatt

Luca Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmija Glenn Gatt detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 276090M u Luca Scicluna detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 415294M talli:

Nhar is-sebgha u ghoxrin (27) t'April 2013 f'xi hin filghodu gewwa Hal Lija:

1. Ikkommettew serq ta` arma tan-nar u flus kontanti minn gewwa residenza 12, Triq Antonio Azzopardi, Hal Lija liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta` elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro (€2,329.37) u bil-lok ghad-detriment ta` Damian u Christine Sant Fournier u / jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli bejn is- sebgha u ghoxrin (27) t'April 2013 f'dawn il-gzejjer:

2. Zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni taghhom arma tan-nar u cioe` pistola semi-awtomatika tal-ghamla **Glock** numru ta` serje RTC496 minghajr ma kellhom licenzja taht l-Att dwar l-Armi;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, naqsu milli javzaw minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f'idejhom arma tan-nar u cioe` pistol semi-awtomatika tal-ghamla **Glock** numru ta` serje RTC496;

Lil Glen Gatt wahdu akkuzat ukoll:

4. Talli b'hekk ghamel reat waqt perijodu operattiv ta` *Conditional Discharge* ghal perjodu ta` sentejn (2) moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani, LL.D., nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Novembru 2011.

Il-Qorti kienet  mitluba titratta ma` Glen Gatt bhala recidiv a tenur tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Demicoli, LL.D., nhar id-disgha u ghoxrin (29) t'April, 2010, u s-sebgha u ghoxrin (27) ta` Mejju, 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru;

Il-Qorti kienet ukoll  mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha wara li rat l-Artikoli 49, 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 267, 269 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 281 (a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 5 (1), 51 (1) (a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta fuq ammissjoni, sabet lill-imputati hatja u fir-rigward ta' Luca Scicluna, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Fir-rigward tal-imputat Glenn Gatt, wkoll illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat wara li tiddikjara illi l-akkuza tar-ricediva u ta' ksur ta' *provisional discharge* huwa ppruvat, kif ukoll il-Qorti qeghda tordna *probation order,* ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-konfront tal-istess imputat Glenn Gatt ghal tliet (3) snin bil-kundizzjoni li l-*probation officer* tirraporta kull sitt (6) xhur u wkoll illi huwa jaghmel hamsin (50) siegha ta' *community work* ai terminu tal-Artikolu 11 tal-Artikolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet liż-żewġ appellati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom, tgħaddi wkoll biex flimkien mal-piena diġa' erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti **tinfliġġi** l-piena preskritta mil-liġi fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kif ukoll sabiex **tikkundanna** liż-żewġ appellati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Ikkunsidrat:

Illi ghall-fini ta' pratticita' l-aggravji tal-Avukat Generali qed ikunu riprodotti verbatim:

Illi fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li 1) il-piena erogata fil-konfront taż-żewġ appellati mhix dik preskritta mil-liġi, u 2) l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkundanna liż-żewġ appellati iħallsu l-ispejjeż relattivi li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif se jiġi spjegat fir-rikors t'appell;

(i) <u>Il-piena erogata mhix dik preskritta mil-liġi</u>

Illi minkejja li ż-żewġ appellati rreġistraw ammissjoni volontarja fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli teroga piena fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Jibda biex jingħad li d-diċitura tal-liġi fir-rigward ta' reati li jaqgħu taħt il-kappa ta' Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta hi ċarissima hekk li permezz ta' artiklu 61 hija tistipula li:

Id-disposizzjonijiet <u>**tal-Att dwar il-*Probation***</u>, u tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali <u>**ma jkunu japplikaw għal ebda reat kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att**</u> (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti l-artiklu suċitat ġie njorat kompletament minnha hija u teroga l-piena. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni,

artiklu 51(2) ta' Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li kull min jikser l-artiklu 5(1) (u ċioe' it-tieni imputazzjoni), u dan hekk kif ġara fil-każ taż-żewġ appellati permezz tal-ammissjoni tagħhom, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin. Il-proviso ta' dan l-istess artiklu jkompli jgħid li:

Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi, **<u>il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien:</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi *di piu',* b'mod simili għat-tieni imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti reġgħet injorat għal kollox id-diċitura ta' artiklu 61 suċitat tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta meta erogat il-piena fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Meta wieħed jinstab ħati taħt Taqsima IX artiklu 41 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta (u ċioe' t-tielet impjutazzjoni) hekk kif ġara fil-każ taż-żewġ appellati permezz tal-ammissjoni tagħhom, huwa għandu jiġi kkundannat għall-piena hekk kif prospettata minn artiklu 51(8) tal-istess Kapitlu:

Kull min jikser xi disposizzjoni tat-Taqsima IX ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, **<u>jeħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi *tenendo conto* taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz *de quo*, u ċioe' fid-dawl tal-pronunzjament tal-Ewwel Onorabbli Qorti speċjalment fir-rigward ta' Glen Gatt li piena karċerarja effettiva ma tkunx tiġġova l-futur tiegħu, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti hija u teroga l-piena kellha tikkundanna liż-żewġ appellati l-multi kkontemplati f'artiklu 51(2) proviso u 51(8). Għalhekk wieħed ma jistax jifhem u raġonevolment jasal għall-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn hi ma kkundannatx liż-żewġ appellati l-multi msemmija, u dan qed jingħad fid-dawl li r-reati prospettati fit-tieni u t-tielet impuazzjonijiet ġew ikkunsmati u fid-dawl tal-ammissjoni tagħhom;

(ii) Nuqqas mill-Ewwel Onorabbli Qorti milli tikkundanna liż-żewġ appellati iħallsu l-ispejjez relattivi li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri

Illi minkejja li fil-komparixxi l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur James Grech talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex f'każ ta' ħtija hija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, effettivament il-Qorti imsemmija naqset milli tagħmel dan. Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, **il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jifhem kif l-imsemmija Qorti naqset milli tikkundanna liż-żewġ appellati għall-ħlas tal-

ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fil-Procès Verbal hekk kif esebit a fol. 47 *et seq.* tal-atti proċesswali, u dan minkejja li l-artiklu suċitat tassativament jimponi tali ħlas.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat l-atti u l-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta, ftit jekk xejn jista' jinghad dwar dan l-appell ghaliex kif jirrikonoxxu d-difensuri tal-appellati, *sic et simplicitur* l-Avukat Generali ghandu ragun. Wara illi l-Ewwel Qorti sabet htija fl-imputati konsegwenti l-ammisjoni taghhom, ghaddiet biex titratta maghhom billi applikat id-disposizzjoniijiet tal-Kapitolu 446, l-Att Dwar il-*Probation*. Dik il-Qorti kienet libera li taghmel hekk biss dwar l-ewwel akkuza izda, u kif tajjeb spjega l-Avukat Generali, l-artikolu 61 tal-Kapitolu 480 espressament jeskludi l-applikazzjoni tal-Kapitolu 446 jew inzul fil-piena taht il-minimu kif kontemplat fl-artikolu 21 tal-Kap 9 ghar-rigward tat-tieni u t-tielet akkuza;

Illi ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa pjenament gustifikat la darba l-Ewwel Qorti kellha teroga piena differenti ghar rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll li kellha tikkundanna lill-hatja ghal-hlas tal-ispejjez tal-esperti;

Issa, kif tajjeb u b'sens ta' lejalta' rreleva l-Avukat Generali, ghad illi reat kontra l-artikolu 51(2) tal-Kap 480, igifieri dak postualt fit-tieni akkuza, jimporta piena ta' prigunerija bejn tlett xhur u hames snin, il-proviso tal-istess artikolu jirraviza l-kundanna ghall-hlas ta' multa ta' mhux anqas minn €698.81 meta l-ksur ikun meqjus bhala wiehed zghir hafna mill-Qorti. L-artikolu 51(8) ghar-rigward tat-tielet akkuza ukoll jiprovdi ghall-imposizzjoni tal-multa ta' mhux anqas minn

€232.94 jew il-piena ta' prigunerija ghal mhux aktar minn sitt xhur jew it-tnejn flimkien;

Illi din il-Qorti hadet kont tal-fedina penali tal-appellati kif ukoll tal-fatt illi mid-data tas-sentenza prolatata mill-Ewwel Qorti, gia ghaddew hmistax-il xahar mit-tmintax-il xahar tat-terminu ta' liberazzjoni b'kondizzjoni skond l-Kap 446 fil-konfront ta' Luca Scicluna u hmistax-il xahar mit-tlett snin ordni ta' probation kif ukoll jidher li gia skonta jekk mhux ghal-kollox il-50 siegha xoghol fil-komunita Glen Gatt. U dan ghaliex skond il-Kodici Kriminali, l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza bhalma jigri meta jappella l-hati. Qieset ukoll illi l-Avukat Generali donnu jaqbel illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-appellati ghandhom jnghataw il-piena tal-multa;

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom kif ukoll billi tikkonfermaha kwantu lliberat lill-Luca Scicluna bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor sa zmien 18-il xahar u fil-konfront ta' Glenn Gatt lliberatu bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor sa zmien tlett snin u qeghditu taht ordni ta' probation ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 7(1) Kap 446 u obligatu jghamel hamsin siegha xoghol fil-komunita'. B'dan illi fl-ewwel lok dawn ghandhom jitqiesu bhala rigwardanti l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' zewg imputati u fir-rigward l-addebituta' recidiva fil-konfront ta' Glenn Gatt wahdu u fit-tieni lok li dawn it-termini jitqiesu li bdew fis-sehh mill-14 t'Ottubru 2014.

Tipprovdi ukoll ghal-piena dwar it-tieni u t-tielet akkuza billi tikkundanna lill-appellati ghal-hlas ta' multa ta' €670 fuq it-tieni imputazzjoni u ta' €240 fuq it-tielet imputazzjoni <u>kull wiehed.</u> Inoltre, tikkundannahom solidalment bejnithom li jhallsu l-ispejjez kollha rigwardanti l-hatra tal-esperti fl-ammont ta' €1188.34.